Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1251/00

C.Chircop Limited

Vs

Charles Sammut f'ismu propju u ezercenti n-negozju f'isem N.C. Services

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut u d-ditta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u wiehed u disghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm791.02c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata u minnu accettata, u skond statement anness u mmarkata Dok `A.'

Bl-ispejjez kollha inkluzi l-VAT, kif ukoll dawk tal-ittra legali li ggib d-data 28 ta' Frar 2000, tal-ittra ufficjali li ggib id-data 25 ta' Mejju 2000, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenut, li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici. Ghaldaqstant wara li rat id-dokument esebit u semghet lil Mark Saliba prodott mill-kumpanija bil-gurament, il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda

tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut kif imharrek sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ seba’ mija u wiehed u disghin lira u zewg centezmi (Lm791.02c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg